**MALTA**

## TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

Seduta 04 ta' Frar, 2016

Talba Numru: 415/2015 AM3

Numru fuq il-Lista: 29

**GO plc – C22334**
**Fra Diego,**
**Marsa MRS 1501**

**vs**

**Grech Sabine Gabriela (ID375603L)**
**5, Triq Carlo Manche'**
**Gzira**

**It-Tribunal**,

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi, ppreżentat fis-27 ta' Mejju, 2015 li permezz tieghu s-Socjeta' attrici talbet il-hlas ta' erba` mija u sittax-il ewro u seba' centezmi (€416.07c) liema ammont huwa dovut in konnessjoni mas-servizz ta' kommunikazzjoni bin-numru 21232407 (AC 40183191) moghti mis-Socjeta' attrici lill-konvenuta.

Ra illi mill-atti jirrizulta li ghalkemm l-konvenuta giet debitament notifikata kemm bl-avviz tat-talba u wkoll bl-avviz tas-seduta, hija ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi.

Ra x-xhieda permezz tal-affidavit ta' Charmaine Psaila Wiffen in rapprezentanza tas-Socjeta` attrici li kkonfermat bil-gurament li l-ammont ghadu dovut mill-konvenuta fl-intier tieghu u d-dokumenti esebiti mal-avviz tat-talba.

Ghaldaqstant, peress li t-talba` tas-Socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' erba` mija u sittax-il ewro u seba` centezmi (€416.07c) bl-imghax legali kontra l-konvenuta mill-25 ta' Gunju, 2014 datat tal-ittra ufficjali 1297/14 sad-data tal-effettiv pagament.

L-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 1297/14 huma a karigu tal-konvenuta.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikatur**